Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,564, 20 ta' Jannar, 1998
Taqsima B

A.L. 13 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Education - M.Ed.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università' ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Education - M.Ed.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni;

"il-Bord ta' l-Istudji" ifisser il-Bord ta' l-Istudji għall-Grad;

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad; u

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Master of Education, - M.Ed.

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 1997 jew wara.

Dħul

3. (1) Biex jidħlu fil-Kors il-kandidati jrid ikollhom:

(a) grad b'mill-anqas it-tieni klassi bl-unuri mill-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni jew kwalifika ekwivalenti, u minimu ta' sentejn esperjenza bħala għalliem jew esperjenza oħra rilevanti f'ambjent edukattiv rikonoxxut; jew

(b) grad b'mill-anqas it-tieni klassi bl-unuri flimkien ma' kwalifika ta' għalliem rikonoxxuta, u minimu ta' sentejn esperjenza bħala għalliem jew esperjenża oħra rilevanti f'ambjent edukattiv rikonoxxut; jew

(ċ) kwalifika rikonoxxuta, li mhix waħda mill-kwalifiki msemmija fis-sotto-paragrafi (a) u (b) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, flimkien ma' diploma fl-Edukazzjoni ta' din l-Universita' jew ta' universita' oħra rikonoxxuta mis-Senat għal dan il-għan, u minimu ta' ħames snin esperjenza bħala għalliem jew esperjenza oħra rilevanti f'ambjent edukattiv rikonoxxut,

iżda, l-kandidati li jidħlu skond it-termini tas-sotto-paragrafu (ċ) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament:

(i) għandhom jattendu għall-intervista li fiha huma jkunu mitluba jipprovdu evidenza tat-tagħlim mill-esperjenza li għandhom u juru li huma kapaċi jtemmu l-Kors; u

(ii) jistgħu jintalbu jtemmu b'suċċess programm ta' kwalifika li jikkonsisti f'numru ta' taqsimiet studju supplimentari kif indikati mill-Bord ta' l-Istudji u/jew jissottomettu karta ta' riċerka ta' kwalifika qabel ma jiġu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors; u

(iii) għandhom itemmu l-istudji tagħhom, inkluż il-programm ta' kwalifika msemmi fis-sotto-paragrafu (ii) tal-paragrafu (1) (ċ) ta' dan ir-regolament, f'mhux anqas minn ħames semestri ta' studju fuq bażi *full-time*, jew tmien semestri ta' studju fuq bażi *part-time*.

(2) Il-Bord għandu jiddeċiedi dwar in-numru ta' kandidati li jistgħu jitħallew jirreġistraw skond ir-riżorsi li jkun hemm. Il-Bord għandu jgħarraf in-numru ta' postijiet li jkun hemm meta toħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

It-Tul tal-Kors

4. (1) Kandidat li ġie aċċettat għall-Kors skond is-sotto-paragrafu (a) jew (b) tal-paragrafu (1) tar-regolament 3 għandu jkun meħtieġ itemm il-Kors f'mhux anqas minn tliet semestri u mhux aktar minn sitt semestri, jekk qed jistudja fuq bażi *full-time*, u f'mhux anqas minn sitt semestri u mhux aktar minn tnax-il semestru, jekk qed jistudja fuq bażi *part-time*.

(2) Kandidat li ġie aċċettat għall-Kors skond is-sotto-paragrafu (ċ) tal-paragrafu (1) tar-regolament 3 għandu jkun meħtieġ itemm il-Kors f'mhux anqas minn ħames semestri u mhux aktar minn tmien semestri jekk qed jistudja fuq bażi *full-time*, u f'mhux anqas minn tmien semestri u mhux aktar minn erbatax-il semestru, jekk qed jistudja fuq bażi *part-time*.

(3) Kandidat, kemm jekk hu rreġistrat fuq bażi *full-time* kif ukoll jekk hu rreġistrat fuq bażi *part-time*, għandu jkun meħtieġ jirreġistra mill-ġdid għall-Kors qabel il-bidu ta' kull sena akkademika.

Il-Programm tal-Kors

5. (1) Student huwa mistenni li jispeċjalizza f'qasam tat-Teorija ta' l-Edukazzjoni u/jew fil-Pedagoġija.

(2) Il-Kors għandu jikkonsisti f'numru ta' taqsimiet studju u dissertazzjoni.

(3) Għandu jkun hemm tmien taqsimiet studju, li kull waħda minnhom tkun valutata b'assenjament u/jew b'test.

(4) Kull taqsima studju għandha tintemm b'suċċess, iżda t-taqsimiet studju li wieħed jeħel fihom jistgħu jiġu rrepetuti darba biss. L-istudenti li jeħlu fl-istess taqsima studju għat-tieni darba ma jitħallewx ikomplu l-Kors.

Id-Dissertazzjoni

6. (1) Student għandu jkun meħtieġ jagħmel dissertazzjoni taħt superviżjoni. Is-superviżur jista' jirreferi student li xogħlu mhux ikkunsidrat sodisfaċenti lill-Bord, permezz tal-Bord ta' l-Istudji.

(2) Huwa mistenni li d-dissertazzjoni jkollha tul ta' madwar 20,000 kelma.

(3) It-titlu propost u l-mod tat-tqassim tad-dissertazzjoni għandhom ikunu approvati mis-superviżur u sottomessi lill-Bord ta' l-Istudji għall-approvazzjoni finali, sa l-aħħar tad-disa' xahar ta' studju fuq bażi *full-time*, jew tat-tnax-il xahar ta' studju fuq bażi *part-time*, mid-data ta' reġistrazzjoni bħala student regolari fil-Kors. Kwalunkwe tibdil sostanżjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni li jsir meħtieġ minħabba l-progress ta' l-istudju u r-riċerka ta' l-istudent għandhom jiġu rriferuti lill-Bord ta' l-Istudji għall-approvazzjoni.

(4) L-istudent għandu jagħti d-dissertazzjoni fil-forma finali tagħha sad-data preskritta u fiż-żmien indikat fil-paragrafi (1) u (2) tar-regolament 4. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, is-Senat jista' jagħti lil student sena oħra biex itemm id-dissertazzjoni.

(5) Kull dissertazzjoni ppreżentata għall-Grad għandha:

(a) tkun jew biċċa xogħol oriġinali jew espressjoni ordnata u kritika ta' materjal li diġa' jeżisti għar-rigward ta' suġġett partikolari; u

(b) tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet kollha tal-linji ta' gwida rilevanti dwar it-tul, il-format u l-prezentazzjoni.

(6) Ma tiġi aċċettata l-ebda dissertazzjoni li tkun l-istess fil-kontenut bħal dissertazzjoni oħra li tkun diġa' ġiet sottomessa għal grad f'din l-Università' jew f'xi università' oħra. Student ma jiġix miżmum milli jinkorpora xogħol minn xi dissertazzjoni li tkun saret qabel jekk ikun neċessarju għall-preżentazzjoni u għall-għarfien aħjar ta' l-esposizzjoni tiegħu, sakemm in-natura u t-tul tax-xogħol inkorporat ikunu indikati biċ-ċar fid-dissertazzjoni stess.

(7) Tliet kopji tad-dissertazzjoni, ippreżentati fl-istil approvat, għandhom ikunu sottomessi. Jekk l-istudent jingħata l-Grad, hu għandu jkun meħtieġ jissottometti żewġ kopji tad-dissertazzjoni, waħda biex tinżamm fil-Librerija ta' l-Università' u l-oħra biex tinżamm fid-dipartiment ikkonċernat.

(8) Kull dissertazzjoni għandha tkun eżaminata minn Bord ta' l-Eżaminaturi magħmul mill-anqas minn tliet membri appuntat mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord. Wieħed mill-eżaminaturi normalment għandu jkun eżaminatur barrani minn università' oħra. Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jgħaddi, jwaħħal jew jirreferi lura d-dissertazzjoni skond ir-rapporti ta' l-eżaminaturi kollha, u skond ir-rizultat tad-difiża *viva voce* tad-dissertazzjoni.

(9) Jekk ix-xogħol mogħti jkun meqjus mhux sodisfaċenti il-Bord ta' l-Eżaminaturi jista' jħalli lill-istudent jerġa' jissottometti d-dissertazzjoni darba oħra, skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1) u (2) tar-regolament 4. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, is-Senat jista' jagħti lill-istudent sena oħra.

Ir-Riżultat Finali

7. (1) Ir-riżultat finali ta' l-istudenti għandu jqis il-livell milħuq minnhom fit-taqsimiet studju u fid-dissertazzjoni.

(2) L-istudenti li jgħaddu jikkwalifikaw għall-Grad u isimhom ikun ippubblikat f'ordni alfabetiku kklassifikat kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni

Għadda.